MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 178/2003

Kawza fil-lista: 22

**A B C f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem biex tirrapprezenta lill-minuri D B**
**Vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fit-30 ta' Jannar 2000, minn liema zwieg twieled tifel, il-minuri D li ghandu sentejn; u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibli minhabba htijiet imputabbli lill-

konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

Premess illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Frar 2003 sabiex tkun tista’ tipprocedi b’ din l-istess istanza; u

Premes illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex: -

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D f’ idejn l-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmi minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

9. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha, Henwood.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut eccepixxa illi l-allegazzjonijiet ta' l-attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi t-tort ghal li z-zwieg tfarrak huwa esklussivament ta' l-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport tal-perit legali L-Avukat Dottor Vincent Galea; kif ukoll dak tas-Social Worker Therese Micallef, minnhom debitament mahlufin;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli lil dan ta' l-ahhar, u dan in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.12; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti

konsegwenzjali s-separazzjoni personali, fit-termini tat-talbiet numri [2] sa [9]. Minn naha tieghu l-konvenut cahad il-pretensjonijet attrici u sostna li hu m' ghandux ibati spejjez stante t-tort tat-tkissier taz-zwieg huwa esklussivament ta' l-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi dwar l-aspett legali tal-kawza, il-Qorti taghmel referenza ghall-kazistika citata mill-perit legali u li ghaliha qeda issir ampja referenza[1]; u qed taddotta din il-parti tar-rapport[2] fl-intier taghha. Huwa opportun li jigi ribadit il-principju gurisprudenzjali f' materja ta' separazzjoni personali, li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni episodju saljenti tal-hajja mizzewwga u mhux incidenti ta' importanza minuri [PA Caterina Agius vs Benedict Agius – 13 ta' Gunju 1967].

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet iltaqghu fit-30 ta' Jannar 1998 u zzewwgu fit-30 ta' Jannar 2000 wara li ghamlu zmien jghixu flimkien. Minn dan iz-zwieg twieled it-tifel F.

Illi wara ezami rett tal-provi akkwiziti l-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali dwar il-htija ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, in kwanti hija giet attribwita lill-konvenut. Hemm provi sufficjenti u sodisfacenti li juri li l-konvenut kien jabbuza mid-droga u dana kien irrendih insensittiv ghall-esigenzi ta' martu u anke ta' ibnu bir-rizultat li ta' spiss huwa kien irrenda ruhu hati ta' komportament abbusiv fil-konfront taghhom, partikolarment fil-konfront ta' martu. Dan il-komportament tieghu, kemm f' okkazzjonijiet separati u multo magis kumuluttivament, jikkwalifa bhala sevizzi fit-termini ta' l-Artikolu 40. Huwa dan il-vizzju l-kagun ta' l-agir aggressiv u rresponsabbli li l-konvenut kien juri fil-konfront ta' martu. Din hija l-veru kawza tal-firda ta' bejniethom, li wasslet ghat-tkissier irremedjabbli taz-zwieg.

Minn naha l-ohra, pero' il-Qorti ma taqbilx li l-attrici hija responsabbli b' xi mod ghal din il-firda. Il-provi juru li hija

[1] Paragrafi 93 sa 105
[2] Fol.229 *et seq.*

sofriet hafna minhabba l-agir tal-konvenut, u xorta ssaportiet tghix mal-konvenut ghal certu zmien peress li kienet thobbu u riedet izzomm il-familja taghha maghquda kemm jista’ jkun. Illi l-akkuza da parti ta’ l-attrici ta’ adulterju kommess mill-konvenut li eventwalment ma giex pruvat adegwatament, ghalkemm tista’ jitqies bhala ingurja gravi, kif sottomess mill-perit legali; zgur pero’ ma kienitx kagun, la direttament u lanqas indirettament, tal-firda ta’ bejniethom.

**Kura u Kustodja**

Il-principji regolaturi fil-materja, huma li l-kura u kustodja tat-tfal ghandha tigi affidata lil dak il-genitur li jkun l-aktar idoneju sabiex jedukahom u jikkurahom, tenut kont ta’ l-eta’ ta’ l-istess tfal u c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi apparti l-hsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li ghandhom setgha f’ din il-materja, il-principju dominanti huwa dak ta’ l-aktar utilita’ u dak ta’ l-aqwa vantagg u interess ta’ l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu jirrizultaw mill-provi.

Illi gid tat-tfal ghandhu jinkludi mhux tant il-profitt materjali kemm il-ben essere morai taghhom. L-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevalu fuq l-interessi tal-kontendenti fil-kawza.

L-Art.47, 56, 57 u 61 tal-Kodici Civili huma bazati fuq dawn il-principji. *[PA[PCP] Lourdes Magro vs Carmelo Bonnett deciza 11.12.2003].*

In propositu, il-Qorti tikkondividi fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali f’ dan ir-rigward; izda huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[a] Illi mill-provi rrizulta ampjament li, ghalkemm il-konvenut ghamel zmien relevanti anke fil-hajja matrimonjali jabbuza mid-droga; huwa, eventwalment, ghamel b’ success programm ta’ rijabilitazzjoni kontra dan il-vizzju, u r-rapport ta’ l-awtoritajiet kompetenti f’ dan ir-

rigward huma kemm posittivi hafna kif ukoll inkoraggjanti[3]; u ghalhekk hemm prospett qawwi li l-konvenut jerga' jintegra ruhhu fis-socjeta' u jerfa' r-responsabbilita' tieghu bhala missier.

Izda dana ma jintitolahx awtomatikament li huwa jibda jkollu access ghal minuri minghajr supervizjoni, almenu ghal certu perijodu u qabel ma l-Qorti tkun zgura li dan jista' jsehh minghajr hsara, anke emozzjonali, da parti tat-tifel.Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-konvenut ilu ma jara lil ibnu ghal tmien [8] xhur u dana stante r-rifjut tieghu li l-access ikun that supervizjoni. Dan il-fatt jirrendi l-posizzjoni tal-konvenut izjed difficli, stante zgur li mhux fl-interess tal-minuri li, dana wara li ilu ma jara lil missieru ghal zmien twil, ser isib ruhu wahdu mieghu multo magis meta l-minuri ghad ghandu hames [5] snin. Il-Qorti tifhem li l-minuri ghanu bzonn certu zmien sabiex jerga' jhossu komdu ma missieru, u sabiex il-Qorti tkun certa minn dan il-fatt ser taddotta l-mizura temporanea li tordna li l-access tal-missier ikun that supervizjoni ta' social worker mill-Appogg ghal zmien tlett xhur, wara liema perijodu din ghandha tirrapporta permezz ta nota dwar l-andament ta' l-accessi u tirrakkomanda jekk ghadx hemm il-htiega li dawna jibqghu supervised.

Il-Qorti tirribadixxi li l-ezigenza ta' din il-misura ma tirrisjedix fuq xi nuqqas fil-progress li ghamel il-konvenut s' issa, imma tinsab fil-fatt li l-minuri jehtieg certu zmien sabiex jerga' jhossu komdu fil-presenza ta' missieru wahdu. Huwa dover primarju tal-Qorti li tassigura l-ben essere tal-minuri.

In fine huwa opportun li jigi osservat li l-allegazzjoni da parti tal-konvenut li l-attrici kienet u ghadha tabbuza mid-droga ma gietx sodisfacentement provata. Ir-ritratti esebiti minnu ma juru xejn ghajr lill-attrici tpejjep sigarett, u fit-tieni ritratt tidher li qed tinnaviga xi haga b' idejha, izda ma jirrizultax x' kienet qeda taghmel.

**Manteniment**

---

[3] Certifikat – fol.278; u Dep.Carm Borg – fol.280

Illi anke f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali, u l-konkluzzjonijiet tieghu. Hija korretta l-misura li l-konvenut, li fil-prezent jinsab minghajr impieg, ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu fis-somma mensili ta' Lm30 – u dana sakemm jibda jahdem bi qligh.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Il-Qorti taghmel referenza ghal konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali fil-paragrafi 132 sa 142 tar-relazzjoni tieghu pagni 65 sa 367 u taddottahom fl-intier taghhom b' mod li ghandhom jigu meqjusa bhala formanti parti integrali minn dan il-gudizzju.

Huwa opportun li jigi ribadit li anke jekk dato non concesso fadal xi haga tal-flus li talvolta tista' tkun dovuta lill-konvenut, din ghandha tibqa' tinzamm mill-attrici sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez li hija necessarjment ghamlet fit-trobbija tal-minuri li tieghu, mis-separazzjoni l' hawn, waqat kompletament fuqha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u kif ser jinghad:

[1] Tilqa' in parte l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiiet, u li din hija attribwibbli ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut;

[2] Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-ommu l-attrici b' access that supervizjoni u fil-prezenza ta' Social Worker mill-Agenzija Appogg, ghall-konvenut, darbtejn fil-gimgha saghtejn kull darba kif fissati mill-istess Social Worker u li wara li l-access ikun gie prattikat regolarment mill-konvenut ghal tlett xhur, din ghandha tirrapporta b' nota dwar jekk ghadx hemm il-htiega li l-access jibqa' that supervizjoni, u dan a spejjez tal-konvenut.

Illi meta l-minuri jkun ma xi parti jew ohra, m' ghandux ikun hemm il-prezenza ta' terzi li jnisslu suspett fondat ta' infedelta'.

Illi l-minuri jkun jista' jsiefer ma' l-attrici, hekk u meta jkun il-kaz, b' dan li l-konvenut ghandu jigi nformat bil-miktub fejn ser ikun il-minuri. Inoltre, r-residenza u d-domicilju tal-minuri D ghandhom ikun f' Malta sakemm il-minuri jaghlaq 18 il-sena;

[3]Tilqa' in parte it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas kull l-ewwel tax-xahar is-somma ta' tletin lira maltin [Lm30] bhala manteniment ghal minuri sakemm l-konvenut jibda jahdem, f' liema kaz dan l-ammont ghandu jizdied skond ic-cirkostanzi; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba;

[4] Tilqa' r-raba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-Artikolu 48 [1] limitatament ghall-paragrafi [a] u [c] tal-Kap.16;

[5] Tilqa' l-hames talba u tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti xjolta b' effett minn 1 ta' Ottubru 2001, u kull parti ghandha zzomm l-oggetti li ghandha fil-pussess taghha. Inoltre jigi dikjarat illi l-konvenut ma ghandu jiehu xejn mill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif fuq spjegat;

[6] Tichad is-seba talba stante li ma jirrizultax li kien hemm beni parafernali li ghadhom fil-pussess tal-konvenut;

[7] Tichad it-tmien talba, stante li hija zejda;

[8] Tilqa' d-disgha talba, u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "C".

L-ispejjez ikun a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------